MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 11

4 ta' Novembru 2013

Minuti tas-seduta Nru.11 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 10, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Bring-In Sites* fiż-żoni tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax (K/6/10/Vol III)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li Green MT Ltd wieġbu għall-ilment li sar mill-Kunsill dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni fuq it-tneħħija tal-i*skips* mill-*bring-in site* li kien hemm qrib il-*boathouses* tal-Aħrax. Min-naħa tagħhom Green MT Ltd wieġbu li jifhmu l-preokkupazzjoni tas-sidien tal-*boathouses*, iżda lmentaw li kienu jsibu biss skart imħallat f'dawn il-kontenituri u għalhekk kien ikollhom iqabbdu kuntrattur ieħor biex jiġbor u jnaddaf dawn is-siti. Qalu wkoll li kien jitqabbad spettur biex jissorvelja s-sitwazzjoni. Għalhekk minbarra l-ispiża normali kien ikun hemm oħra sabiex jitqabbad kuntrattur ieħor biex ibattal l-iskart imħallat bi spiża doppja. Green MT Ltd komplew isostnu li l-kumpanija ma jkollha ebda problema li terġa' ddaħħal is-servizz jekk is-sidien tal-*boathouses* ikunu lesti jkopru parti mill-ispiża. Ikkummentaw ukoll li, tneħħew biss dawk il-*bring-in sites* li kienu qed jiġu kontinwament abbużati bla skruplu.

2.1.3. Għalkemm il-Kunsill apprezza li jista' kien hemm problemi tat-tip li saret referenza għalihom, xorta waħda kellu jkun hemm konsultazzjoni miegħu minħabba l-ftehem li hemm mal-istess Green MT Ltd.

### 2.4.1. Permess għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet (T/4/10)

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti dwar ittra mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, fejn għarrfet lill-operatur ta' Greystone Snack Bar f'numru 153, Triq Ġorġ Borg Olivier applika sabiex iqiegħed numru ta' imwejjed u siġġijiet quddiem l-istess stabbiliment. Is-Segretarju għarraf li kif kien mitlub, l-applikant ippreżenta pjanta li tindika l-medda ta' art li ser tiġi okkupata, kif ukoll in-numru u daqs tal-imwejjed li qed jiġu proposti.

2.4.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanta sottomessa, ma sabx oġġezzjoni li jitpoġġew disa' (9) imwejjed b'erba' siġġijiet 'il waħda fuq medda ta' art ta' 6.09 metri b' 7.62 metri, bil-kundizzjonijiet segwenti:

(a) Li l-medda ta' art allokata m'għandiex testendi iktar 'il barra mil-linja tal-*bollards* indikati fuq il-permessi maħruġa lill-Kunsill – DN 796/11 u DN 154/12, u 'il barra mil-linja bejn l-fond tal-applikant u it-taraġ pubbliku li jagħti għal Triq il-Kappillan Magri;

(b) Għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5 metru għal użu pedonali bejn l-imwejjed u l-faċċata tal-Greystone Snack Bar;

(c) L-aċċess għal Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II m'għandux jiġi mxekkel;

(d) M'għandu jitqiegħed xejn bi dritt il-wisa' tat-taraġ li jwassal għal Triq il-Kappillan Magri;

(e) L-għamara kollha, inkluż l-umbrellel għandhom ikunu ta' kuluri li jaqblu mal-ambjent tal-misraħ, kif ukoll ħielsa minn kull riklami;

(f) L-istess umbrellel għandhom jingħalqu wara nżul ix-xemx; u

(g) L-art fejn qed jiġu proposti l-imwejjed u siġġijiet għandha tiġi mmarkata b'mod permanenti.

### 2.5.1. Tmexxija tal-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)(P/10/3/A)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fl-4 ta' Novembru 2013 saret laqgħa fl-irżieżet ta' Selmun, fejn flimkien miegħu attendew il-*Project Manager* il-Perit Joseph Attard, għall-kuntrattur Salamanda Ltd is-Sur Patrick Vella, u s-Segretarju is-Sur C. Debono. Is-Sur J. Buttigieg qal li x-xogħol huwa kważi lest kollu, iżda fadal xi rtokki, li skont il-kuntrattur dawn ser jiġu trattati sal-aħħar ta' Novembru 2013.

2.5.3. Fid-dawl ta' dan it-tagħrif, is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mad-diriġenti tal-Fondazzjoni ARKEO, bil-għan li l-post ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku.

2.5.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*heritage trail* għandu jintfetaħ mill-Fondazzjoni ARKEO għab-bażi tal-ftehim li diġa tfassal għall-perjodu ta' sena, bil-għan li jkun jista' jiġi segwit l-andament tiegħu.

### 2.6.1. Stampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*" (P/3/5)

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Sur Joseph Bugeja lesta r-reviżjoni tat-test. Dan reġa ġie mgħoddi lis-Sur Jeffrey Sammut sabiex jagħmel it-tieni *proof reading* tiegħu.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq dan il-proġett.

### 2.7.1. Periklu fi Triq Ġorġ Borg Olivier (D/3/1/Vol V)

2.7.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa kkuntattja lill-kuntrattur li ġie assenjat ir-*resurfacing* ta' Triq il-Wied Ta' Ruman sabiex jagħmel l-i*scarifying* tal-wiċċ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Tri Sant' Elena.

2.7.3. Is-Sindku kkummenta li dan ix-xogħol issa huwa urġenti għaliex reġa kien hemm inċident it-tieni nċident f'interval ta' ftit ġimgħat bl-involviment ta' karozza tal-linja.

### 2.8.1. Laqgħa għall-operaturi tal-lukandi fil-Mellieħa (T/12/Vol II)

2.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-laqgħa mal-operaturi tal-lukandi saret fl-4 ta' Novembru 2013. Attendew għalihom rappreżentanti mil-lukandi Pergola/Solana, Golden Sands, Ramla Bay, Seabank, u Luna. Il-minuti tal-istess laqgħa ser jiġu ppreżentati aktar 'il quddiem.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 30/10/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/10/13 – 30/10/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' stimi dwar it-tizjin tal-Milied fi Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Skeda ta' stimi dwar it-tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira;
- Minuti – Bord dwar it-Tmexxija tal-Park tal-Familja – 24/10/13;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Telefons pubbliċi fil-lokalita` (T/2/1/Vol II)

4.1.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' *e-mail* datat l-30 ta' Ottubru 2013, GO plc għarrfu li komplew bl-osservazzjonijiet dwar l-użu tal-*payphones* segwenti:

- Limiti tal-Armier (Ref. 06/03)
- Triq l-Armier (Ref. 37/09)
- Limiti tal-Armier, qrib il-latrina pubblika (Ref. 37/10)
- Triq l-Assedju l-Kbir 1565 (Ref. 37/26)
- Il-Kortin (Ref. 37/37)
- Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq il-Qortin – (Ref. 37/38)
- Triq il-Migbħa (Ref. 37/43)
- Terminal taċ-Ċirkewwa fejn il-kjosk (Ref. 37/45)
- Bajja tal-Mistra (Ref. 37/57)
- Triq il-Biedja, Manikata (Ref. 37/42)

4.1.3. GO plc qalet ukoll illi għandha l-intenzjoni li tneħħihom għal din ir-raġuni, iżda talbet l-opinjoni tal-Kunsill qabel tagħmel dan.

4.1.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li jitneħħew ukoll il-*cubicles* u attrezzi oħra fejn hemm installati t-telefons indikat. Din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba l-użu aktar wiesgħa tat-telefons ċellulari. Minkejja dan, il-Kunsill kien tal-fehma li l-*payphone* segwenti għandhom jinżammu minħabba l-utilita` tagħhom:

- Limiti tal-Armier, qrib il-latrina pubblika (Ref. 37/10)
- Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq il-Qortin – (Ref. 37/38)
- Terminal taċ-Ċirkewwa fejn il-kjosk (Ref. 37/45)

### 4.2.1. Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 30 ta' Ottubru 2013 mibgħut mill-Aġenzija Żgħażagħ, fejn tħabbar li tniediet il-Hames edizzjoni tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. L-istess inizjattiva qed tittieħed flimkien mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ bil-għan li jagħti l-opportunita` lil persuni fl-etajiet bejn erbatax u tmintax-il sena sabiex jieħdu sehem fi djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu temi ta' importanza għal-lokalita` rispettiva tagħhom. Din is-sena, fuq talba taż-żgħażagħ, wara li saret konsultazzjoni magħhom saru xi tibdiliet fuq il-proġett. Ġie deċiż li l-proġett se jkun kontinwu minflok fuq terminu ta' sitt xhur u li iktar Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ ser jingħataw fondi sabiex jimplimentaw proġett. Iż-żgħażagħ se jiġu mitluba jattendu *seminars* sabiex jirċievu taħrig bil-għan li jifhmu aħjar kif jaħdem kunsill lokali u wara flimkien ma' *Youth Worker* ser joħorġu b'inizjattiva sabiex jippreżentaw proposta lill-Kumitat tal-Għażla fi ħdan Aġenzija Żgħażagħ. L-Aġenzija ħeġġet lill-Kunsill sabiex jibgħat l-applikazzjoni tiegħu sa mhux aktar tard mid-29 ta' Novembru 2013 lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ 2013/14.

4.2.3. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-Aġenzija tavviċina liż-żgħażagħ fl-iskejjel biex tħajjarhom japplikaw individwalment, bil-għan li l-Kunsill Lokali jkunu jistgħu jressqu l-applikazzjonijiet tagħhom.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'dan il-proġett.

### 4.3.1. Bankina fi Triq San Publiju (D/3/1/Vol V)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 2 ta' Settembru 2013, mibgħuta minn Dr Kostantin Mishin, fejn talab li titwessa' il-bankina fi Triq San Publiju, bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Mitħna l-Ġdida. Din it-talba saret peress li attwalment hemm biss kurduna mal-faċċata tal-bini.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba ssir bankina, ikun ifisser li jkollu jitneħħa l-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

### 4.4.1. Immaniġġjar tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal kuntatti li saru mill-Malta Sailing Accademy illi talbu lill-Kunsill jgħinhom isibu bini sabiex jużawħ bħala sede tagħhom. Armier Developments Ltd urew li huma nteressati wkoll f'dan il-bini. Is-Sindku għarraf li riċentement huwa ġie mgħarraf verbalment mill-membri tal-Historical Military and Maritime Society li m'għadhomx aktar interessati fl-immaniġġjar tat-Torri l-Abjad.

4.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ma jarax li hemm relevanza bejn l-għanijiet taż-żewġ enitajiet msemmija mal-ħtieġijiet li għandu t-Torri.

4.4.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jittieħed parir legali sabiex issir sejħa għall-interess.

### 4.5.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2013 (N/1/Vol II)

4.5.2. Inqrat ittra datata 25 ta' Ottubru 2013, mibgħuta mill-Moviment Kerygma, fejn il-Kunsill intalab iressaq in-nominazzjoni tiegħu għall-premju msemmi hawn fuq.

4.5.3. Il-Viċi Sindku ppropona n-nomina lis-Sur Karl Andrew Schembri li kien il-prefett tal-abbatini u nvolut f'xogħol volontarju fil-parroċċa tal-Mellieħa.

4.5.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab profil mill-Uffiċċju Parrokkjali sabiex tkun tista' tiġi sottomessa n-nomina.

### 4.6.1. Ikkampjar ġewwa l-Aħrax waqt l-istaġun tal-kaċċa (K/3)(C/4/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-pressjoni li qed issir mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa sabiex jiġu illimitati attivitajiet bħalma huwa kkampjar u *picnics* ġewwa l-Aħrax waqt l-istaġun tal-kaċċa. L-istess għaqda qed issostni li minkejja illi l-Kunsill mhux qed joħroġ permessi, xorta waħda qed ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies fil-postijiet l-aktar imfittxija għall-kaċċa, u għaldaqstant appellaw lill-Kunsill jagħmel pressjoni fuq l-Pulizija dwar dan. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid illi l-liġi ma teskludix l-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa u għalhekk, il-Pulizija ma jkunux f'posizzjoni li jaġixxu. Apparti dan, riċentement inġibdet l-attenzjoni li ż-żoni ndikati għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax skont kif indikati fil-*Bye-Laws* 37/2/2009, mhumiex koperti bil-permess tal-MEPA biex jintużaw bħala tali.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mal-Għaqda sabiex tiġi spjegata din is-sitwazzjoni. Ma ġietx eskluża wkoll li ssir laqgħa mal-uffiċjali konċernati fid-Dipartiment tal-Artijiet.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' Ottubru 2013

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-18 u t-30 ta' Ottubru 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tariffa dwar l-użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)

7.2. Is-Sindku aċċenna li dan is-suġġett ġie diskuss mill-Bord tat-Tmexxija tal-Park skont ma' jidher fil-minuti tal-istess bord tal-24 ta' Ottubru 2013.

7.3. Il-Kunsill ra t-tariffa proposta mill-Bord u kien tal-fehma li fejn ikun hemm l-involviment tal-kustodju, l-użu tal-*floodlights,* flimkien mal-faċilitajiet tad-*dressing rooms*, ir-rati għandhom ikunu kif jidher hawn taħt:

| | **Mingħajr l-użu tal-*floodlights* waqt il-ħinijiet tal-kustodju** | **Bl-użu tal-*floodlights* waqt il-ħinijiet tal-kustodju** | **Mhux waqt il-ħinijiet tal-kustodju mingħajr l-użu tal-*floodlights*** | **Mhux waqt il-ħinijiet tal-kustodju bl-użu tal-*floodlights*** |
|---|---|---|---|---|
| | Rata fis-Siegħa | | | |
| ***Team Sports*** | €10.00 | €15.00 | €15.00 | €20.00 |
| **Sports Individwali (Żewġ persuni)** | €5.00 | €8.00 | €8.00 | €12.00 |

7.4. Is-Sindku qal li l-esperjenza qed turi li fil-ġranet meta t-tfal ma jkollhomx skola, il-park ikun miżgħud bin-nies. Huwa kkummenta li f'dawn l-okkażjonijiet important li jkun hemm il-preżenza tal-kustodju biex ma ssirx ħsara lill-post. Għaldaqstant huwa ppropona li fil-vakanzi tal-Milied, li ma jkunux is-Sibt, il-Ħadd jew btajjel pubbliċi, il-kustodju għandu jkun preżenti wkoll bejn l-10.00am u l-4.00pm fl-24, 26, 27 u l-31 ta' Diċembru 2013 u fit-2 u t-3 ta' Jannar 2014.

7.5. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku, kif ukoll li okkażjonijiet simili għandu jittieħed nota tagħhom sabiex jintalab is-servizz meħtieġ.

## 8.1. Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali (Z/1/Vol V)

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-Memo 26/2013 tat-28 ta' Ottubru 2013, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, liema memo ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta. Huwa spjega li fl-istess *e-mail* tħabbar uffiċjalment li sat 8 ta' Novembru 2013, il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jaħtru l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ. L-eta` tiegħu għandha tkun bejn sittax u tmintax-il sena. L-għan tiegħu huwa li jwasslu l-vuċi taż-żgħażagħ residenti fil-lokalita`. Fil-memo ġie spjegat li dawn ser ikollhom dritt jipparteċipaw fis-seduti tal-Kunsill, iżda mingħajr id-dritt tal-vot fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Huma ser ikollhom l-opportunita` li jieħdu sehem fil-Parlament dakinhar li tiġi ppreżentata l-emenda fil-Parlament dwar t-tnaqqis tal-eta` għad-dritt tal-vot għall-Kunsilli Lokali minn 18 għal 16-il sena. Il-persuna magħżula ser tkun qed takkumpanja lis-Sindku waqt id-diskussjoni li ser issir fil-Parlament fl-20 ta' Novembru 2013, fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Il-persuna magħżula jeħtieġ li jkollha l-permess tal-ġenituri jew kustodji tagħha, biex il-ħatra tkun waħda valida. It-terminu tal-ħatra jiġu fi tmiemu ma' tmiem il-mandat tal-Kunsill li jkun ħatru.

8.3. Tressqet nomina waħda mis-Sindku, li kienet tinvolvi lis-Sinjorina Raquel Cutajar (ID Nru. 162596M).

8.4. Il-Kunsill approva n-nomina mressqa.

## 9.1. Stimi dwar Tiżjin tat-Toroq Ewlenin għall-Festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida (T/4/15)

9.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħiet għall-istimi – Nri. 8/2013 u 9/2013 – dwar it-tiżjin ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira, rispettivament, għalqu fil-31 ta' Ottubru 2013. Kien hemm żewġ offerenti li kwotaw kif jidher hawn taħt:

| | **Ammont ikkwotat inkluż 18% VAT** | |
|---|---|---|
| | **Stella Maris Band Club - Sliema** | **Mica Med Ltd** |
| Triq Ġorġ Borg Olivier | €2,360.00 | €4,720.00 |
| Triq il-Kbira (bejn Triq Snajjin u Triq Sant' Anna) | €1,690.00 | €2,360.00 |

9.3. Il-Kunsill innota li s-soċjeta` Stella Maris diġa għamlet dan ix-xogħol fi snin preċedenti fuq inkarigu tas-sidien tan-negozji. Fid-dawl ta' dan, kif ukoll minħabba raġunijiet ta' prezz, ġie deċiż li għandhom jinħarġu *purchase orders* fuq l-istess soċjeta`.

## 10.1. Introduzzjoni ta' dwal ġodda fi Triq il-Pont, Triq Ta' Fuq il-Widien u Triq Mons. Gużeppi Schembri (E/1/3/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju għarraf li l-Korporazzjoni Enemalta tat il-kunsens tagħha sabiex isiru skemi ġodda ta' dwal fit-toroq imsemmija. Huwa għarraf ukoll li x-xogħol kollu nvolut ġie stmat mill-*Contract Manager* – Galea Curmi Engineering Consultants – liema stimi ammontaw għal €38,691, kif jidher hawn taħt:

- Triq Mons. Ġużeppi Schembri € 4,408
- Triq il-Pont €14,355
- Triq Ta' Fuq il-Widien €19,928

10.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saret applikazzjoni sabiex dawn it-tliet proġetti jiġu ffinanzjati mill-Fond għat-Titjib Urban (*Urban Improvement Fund*) amministrat mill-MEPA.

10.4. Filwaqt li l-Kunsill approva x-xogħlijiet fit-tliet toroq imsemmija, iddeċieda li l-kuntrattur konċernat għandu jingħata struzzjonijiet sabiex Triq il-Pont tingħata priorita`, minħabba l-pressjoni li qed issir mir-residenti.

## 11.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2013 (A/5/3/6/Vol IV)

11.2. Is-Segretarju għarraf li saret sejħa għall-offerti (Nru. 8/2013) dwar il-kiri ta' tinda, liema sejħa ser tagħlaq fit-2 ta' Diċembru 2013. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saret sejħa oħra għall-istimi (Nru. 10/2013) dwar il-kiri u tħaddim ta' sistemi tal-*audio* u dwal, flimkien ma' kiri ta' palk b'rabta ma' Milied Mellieħi 2013, bejn il-21 u l-24 ta' Diċembru 2013.

11.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li tkomplew it-tħejjijiet fuq il-programm b'laqgħa li saret għall-għaqdiet li normalment jieħdu sehem fit-8 ta' Novembru 2013. Bl-eċċezzjoni tal-Mellieħa Sports Club u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, dawn kollha ikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom sad-data tas-seduta. Huwa qal li qed jistenna li dawn jikkonfermaw ukoll il-partecipazzjoni tagħhom.

11.4. Is-Sur C. Bartolo qal li l- Kunsillier J. Attard ser jikkordina l-attivita` għall-anzjani tal-Ħadd 22 ta' Diċembru filgħodu, filwaqt li l-Kunsilliera A. Brincat Stellini ser ikollha l-attivita` tat-tfal ippjanata li ssir fl-istess jum wara nofsinhar. Il-Kunsillier D. Vella ser jieħu ħsieb ir-rokna tal-ambjent.

11.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**12.1. *Policy* dwar attivitajiet fil-beraħ organizzati minn operaturi ta' stabbilimenti (A/6/3/1/Vol 82)**

12.2. Dan l-*item* ġie mħolli għas-seduta li jmiss, peress li kien sar il-ħin.

**13.1. Ġirja tal-President b'rizq il-*Community Chest Fund* (K/11)**

13.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf illi għaddej b'kuntatti biex persuni b'diżabilita` mill-Mellieħa jieħdu sehem fl-attivita` imsemmija fl-1 ta' Diċembru 2013. Huwa kompla jgħid li sad-data tas-seduta kien hemm interess minn tnax-il persuna u ppropona li dawn jinġabru minn fejn *interchange* tal-karozzi tal-linja, fid-8.45am

13.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**14.1. Promozzjoni għall-Mellieħa f'Dubai (S/6/Vol VI)**

14.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta Nru. 9 u għarraf illi kif kien miftiehem huwa, flimkien mal-Kunsillier P. Cutajar iltaqgħa mas-Sur Andrew Farrugia. Mill-istess laqgħa rriżulta li ser ikun hemm bejn sitta u seba' *stalls* għal artisti u artiġġjani mill-Mellieħa. Dawk interessati li jattendu huma l-pitturi Louis Zammit, John Vic Borg, John Sammut u l-artiġġjani Carmen Sammut (xogħol tal-biżżilla) u Anthony Bugeja (arloġġi tal-lira). Flimkien ma' dawn sa jingħata spazju għal materjal promozzjonali lill-Awtorita` Malitija tat-Turiżmu u lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Huwa qal dan it-tip ta' materjal jista' jinkiseb mill-lukandi li joperaw fil-lokalita`, illi għalkemm is-swieq tagħhom m'humiex mil-lvant nofsani, ikunu lesti li jikkontribwixxu b'xi mod.

14.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li, filwaqt li l-akkomodazzjoni għall-ħames persuni msemmija ser titħallas minnhom stess, il-Kunsill ikopri l-ispejjeż marbuta mal-biljetti tal-ajru. Huwa ppropona wkoll li persuna appuntata mill-Kunsill għandha takkumpanja lill-grupp.

14.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-involviment finanzjarju tiegħu f'din l-inzijattiva m'għandux jaqbeż €4,500

14.5. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

**15.1. Manutenzjoni fuq il-bandli ta' Ġnien il-Qigħan (P/2/1)**

15.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni li ż-żewġ *cradle seats* li hemm fil-ġnien imsemmi ssaddu u qasmu l-plastik protettiv li għandhom fuq barra.

15.3. Ittieħdet nota sabiex dawn jinbidlu.

**16.1. Partecipazzjoni fil-*European Week for Waste Reduction* - 16-24/11/13 (T/4/6/Vol V)**

16.2. Il-Kunsillier D. Vella fakkar li WasteServ Malta Ltd qed tikkordina lokalment il-kampanja msemmija. L-istess WasteServ stiednet lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu sehem, filwaqt li l-aħjar inizjattiva li tittieħed ser tingħata għotja ta' €500. Kompla billi ppropona li l-Kunsill jista' jipparteċipa bi programm imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| 22/11/2013 | Attivita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fejn it-tfal iġibu magħhom materjal li huwa reċiklabbli |
| 23/11/2013 | *Clean-up* minn għaqdiet volontarji fil-Mellieħa |
| 24/11/2013 | Taħdita dwar metodi kif titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart |

16.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**17.1. Proġett tat-*TENT-T* (T/3/3/Vol IV)**

17.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-kontroversja li għaddejja dwar żvilupp ta' appartamenti fix-Xemxija fejn qed jiġi allegat li dan ser jaffettwa l-proġett tat-*Trans European Road Network* f'dak li jirrigwarda triq ġdida li tgħaqqad il-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar mal-Mellieħa. Huwa staqsa dwar jekk sarux xi rappreżentazzjonijiet mill-Kunsill dwar dan.

17.3. Is-Sindku qal li huwa ndaga ma' Transport Malta fuq dan u rriżulta li għad m'hemmx pjanti dwar it-triq li tgħaqqad il-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa.

### *18.1. Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

*18.2.* Il-Viċi Sindku għarraf li n-nomina tal-Kunsill għall-*MOC Sports Awards* tressqet fil-31 ta' Ottubru 2013, għab-bażi tal-kontribut mogħti fir-rigward tal-oqsma segwenti:

- *Mellieħa Tritons Basketball Tournament*;
- *Penalty shoot out* mal-Mellieħa Football Nursery;
- 10 Km *race* fit-toroq tal-Mellieħa;
- Sparatura fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill;
- *Tournament* tas-*Snooker* u l-*American Pool*;
- *Seaside Slam* fl-Għadira;
- Ħolqien ta' proċedura sabiex il-faċilitajiet sportivi fil-Park tal-Familji jiġu estiżi għar-residenti tal-lukandi fil-lokalita`;
- Korsijiet tal-*aerobics* u żfin zumba;
- Sessjonijiet tal-*keep fit* għall-anzjani;
- Inklużjoni ta' sports fl-Iljieli Melleħin 2013;
- Inklużjoni ta' sports fil-*Car Free Day*;
- Inklużjoni ta' sessjonijiet tal-għawm u *Sports Day* fl-AvventuraSajf 2013;
- Pagna tal-isports fil-magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa".

***18.3.*** Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 19.1. Sewqan perikoluż fi Triq tas-Salib (T/3/2/Vol X)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni dwar sewqan perikoluż fi Triq tas-Salib, minkejja li din hija limitata għal karreġġjata waħda. Huwa ppropona li ssir *raised plateau* u *pedestrian crossing* fuqha fil-parti li tinsab bi dritt Triq il-Pellegrini.

19.3. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta, peress li Triq tas-Salib hija wiesgħa ftit inqas minn 5 metri, kif ukoll minħabba li *pedestrian crossing* teħtieġ l-installazzjoni tal-*belisha beacons*.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2013 fis-7.00pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**